**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 1**

**Rikors Maħluf Numru 853/2021 NC**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs.**

**Avukat Mark Busuttil bħala Kuratur Deputat appuntat biex jirrappreżenta lill-assenti Doran Caroline Geraldyne (ID 47419A) skond digriet tat-13 ta' Frar 2012**

Illum 24 ta' Frar 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-bank attur (*a fol.* 1) ippreżentat fis-27 ta' Awwissu 2021 li jgħid hekk:

> *"Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Maria Grima datat 8 ta' April 2005 (Dok. 'HSBC 1') li permezz tiegħu l-intimata ġiet konfermata debitriċi tal-Bank rikorrent.*

*Illi permezz ta' digriet tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla (Rikors 418/2012AE) fl-ismijiet premessi rrendiet eżegwibbli l-istess kuntratt a bażi tad-digriet msemmi (kopja hawn anness u mmarkata Dok. 'HSBC 2').*

*Illi wara li saru diversi pagamenti, l-intimata baqgħet debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti u għaddew iżjed minn ħames snin mid-data ta' l-istess kuntratt u s-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob l-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 258 ta' l-istess Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tal-intimata Caroline Geraldyne Doran għall-bilanċ li għadu dovut;*

*Għalhekk is-soċjeta' rikorrenti previa kull dikjarazzjoni u provediment opportun, titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-soċjeta' rikorrenti tgħaddi għall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li għaddew iżjed minn ħames snin mid-data ta' l-istess kuntratt u li d-dejn għadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta minn fejn jirriżulta li r-rikorrent għandu: "jikkonferma bil-ġurament x-xorta tad-dejn … li jkun l-esekuzzjoni tagħha u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut."*

Rat ir-Risposta tal-Avukat Mark Busuttil bħala Kuratur Deputat appuntat biex jirrappreżenta lill-assenti Doran Caroline Geraldyne skont digriet tat-13 ta' Frar 2012 (*a fol.* 19), liema Risposta ġiet ippreżentata fl-14 ta' Ottubru 2021 li tgħid hekk:

*"Illi l-esponent ma jiftakarx li hu qatt kellu kuntatt ma' Doran Caroline Geraldyne, multo magis jekk skond l-indikat imsemmi digriet, din ingħatat fit-13 ta' Frar, 2012.*

*Illi mingħajr preġudizzju w abbinat mas-suespost, l-esponent m'hux edott x'ġara tul dan il-perijodu w ġie infurmat bl-appuntament quddiem dina l-Onorabbli Qorti fil-5 ta' Ottubru, 2021 meta: -*

- *la ma jaf fejn tirrisjedi*

  *w/jew*

- *la ma ingħata żmien biżżejjed biex jagħmel kuntatt mal-persuna inkwistjoni*

*biex l-esponent ikun f'pożizzjoni jirregola s-sitwazzjoni.*

*Għaldaqstant, dina l-Onorabbli Qorti qed tiġi mitluba tikkonsidera s-sitwazzjoni fid-dawl ġenerali tal-każ."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ

Semgħet, fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2021, lill-Avukat Dr. Claudia Muscat tagħti d-depożizzjoni tagħha (*a fol.* 22 *et seq.*), f'liema seduta ġie ddikjarat li l-bank attur ma kellux aktar provi xi jressaq f'dan il-każ.

Rat illi minkejja li l-Kuratur Deputat ngħata aktar minn tentattiv wieħed sabiex iressaq il-provi tiegħu, l-istess Kuratur Deputat ma ressaq l-ebda provi u l-Qorti ddikjarat il-provi tiegħu bħala magħluqa.

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2021, xehdet l-**Avukat Dr. Claudia Muscat** (*a fol.* 22 *et seq.*) fejn ippreżentat *statement of account* tal-kont (Dok. "CM 1" – *a fol.* 24 *et seq.*) li nfetaħ permezz tal-kuntratt imsemmi fir-Rikors promutur. Tgħid li l-aħħar depożitu li sar f'dan il-kont kien fl-10 ta' Diċembru 2009 fl-ammont ta' ħames mija, sitta u disgħin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€596.45) u li sas-27 ta' Jannar 2021 il-kapital kien disgħa u tletin elf, mija u disgħa u ħamsin Euro u ħames ċenteżmi (€39,159.05) u l-interessi kienu tletin elf, mija u sitta u disgħin Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€30,196.52). Tixhed ukoll li minn meta nħadem l-i*statement* imsemmi ma sar ebda depożitu ieħor fil-kont.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- permezz ta' kuntratt (Dok. "HSBC 1" – *a fol. 2 et seq.*) fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Grima datat 8 ta' April 2005 il-konvenuta l-assenti Caroline Geraldyne Doran ġiet konfermata debitriċi tal-bank attur;

- permezz ta' digriet (Dok. "HSBC 2" – *a fol.* 15 *et seq.*) mogħti fil-25 ta' Ġunju 2012, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rrendiet eżegwibbli l-kuntratt hawn fuq imsemmi;

- infetaħ kont permezz tal-kuntratt imsemmi fir-Rikors promutur u wara li saru diversi pagamenti, il-konvenuta Caroline Geraldyne Doran baqgħet debitriċi tal-bank attur;

- l-aħħar depożitu li sar fil-kont hawn fuq imsemmi kien fl-10 ta' Diċembru 2009.

Illi l-bank attur qiegħed jitlob awtorizazzjoni skont Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jeżegwixxi it-titolu li għandu fil-konfront tal-konvenuta Caroline Geraldyne Doran għall-bilanċ li għadu dovut u dana *stante* li għaddew iżjed minn ħames snin mid-data tal-kuntratt hawn fuq imsemmi.

**Ikkunsidrat**

Illi skont Artikolu 253(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kuntratt milqugħ minn nutar pubbliku dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq u li ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt, huwa meqjus bħala titolu esekuttiv.

Illi skont Artikolu 258(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

"Wara –

> [...]
>
> (ċ) l-għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta' ġie esegwit,
>
> l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut".

Illi b'hekk ifisser li fil-każ ta' kuntratt nutarili dwar dejn likwidu, ċert u li għalaq, it-terminu li fih dan jista' jiġi esegwit, wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi miġjuba bl-Att IV tal-2016, huwa ta' ħames snin. Ifisser ukoll li wara li jgħaddu ħames snin minn fuq il-kuntratt nutarili, kreditur ma jistax jaqbad u jitlob li jinħarġu aktar mandati esekuttivi biex jinforza l-kreditu tiegħu pero' l-ewwel irid iġib awtorizzazzjoni mill-Qorti. Għandu jingħad li l-awtorizzazzjoni tal-Qorti skont Artikolu 258(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tiskadi wara ħames snin, b'dana li jekk wara dan il-perijodu l-kreditur ikun irid jerġa' jgħajjex it-titolu esekuttiv tiegħu huwa jrid jerġa' jitlob l-awtorizzazzjoni mill-ġdid.[1] Hekk qiegħed jagħmel il-bank attur f'din il-proċedura għaliex laħqu għaddew ħames snin mid-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħti fil-25 ta' Ġunju 2012.

Illi fir-Risposta tiegħu l-Kuratur Deputat l-Avukat Mark Busuttil ma qajjem l-ebda eċċezzjoni partikolari li l-Qorti għandha tagħmel xi kunsiderazzjonijiet dwarha.

**Ikkunsidrat**

[1] *Vide* **HSBC Bank Malta plc vs. Avv. Martin Fenech u PL Joeline Pace Ciscaldi noe** (Kawża Numru 854/2021) deċiża fl-24 ta' Jannar 2022.

Illi dak li trid tagħmel il-Qorti fi proċedura bħal dik in eżami hija li terġa' tgħajjex titolu esekuttiv li jkun għadda żmien minn fuqu.[2] Riferenza sejra ssir għas-sentenza fl-ismijiet **Edgar Fava vs. Gerald Rapinett et** (Appell Ċivili Numru 1122/2017/1) mogħtija fil-25 ta' Frar 2021 fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> "din il-Qorti tibda biex tosserva li l-indaġini li hi trid tagħmel f'każijiet ta' din ix-xorta huwa wieħed limitat. Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Bank of Valletta plc v. Refco Co. Ltd et** deċiża fit-12 ta' April, 2012:
>
> *"Irrispettivament x'inhu l-ammont li għadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' proċediment m'huwiex il-kompitu tal-qorti li toqgħod tagħmel konteġġi u tikkundanna lill-intimati jħallsu xi ammont. L-eżerċizzju li jrid isir hu pjuttost wieħed ta' verifika li għad hemm ħlas dovut, ċjoè li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu esekuttiv favur il-kreditur. Ovvjament l-esekuzzjoni għandha ssir biss fuq il-bilanċ li għadu dovut mill-intimati.""*

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq u tenut kont ta' dak li jirriżulta mid-depożizzjoni mogħtija mill-Avukat Dr. Claudia Muscat li d-dejn tal-kuntratt li jsir riferenza għalih fir-Rikors promutur għadu ma tħallasx kollu u meħuda in konsiderazzjoni d-dokumenti eżebiti minnha waqt id-depożizzjoni mogħtija minnha, inklużi dawk li ġew eżebiti mar-Rikors Maħluf u *stante* li fil-kawża odjerna ma nġiebet l-ebda prova li tmeri jew li titfa' dubbju dwar dak li ngħad fir-Rikors Maħluf u fid-depożizzjoni mogħtija mill-Avukat Dr. Claudia Muscat, b'hekk il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni tajba għaliex m'għandhiex tilqa' t-talba tal-bank attur biex terġa' tgħajjex l-esekuzzjoni tal-kuntratt pubbliku tat-8 ta' April 2005.

[2] *Vide* **Middle Sea Insurance p.l.c. vs. Francis Chetcuti et** (Appell Ċivili Numru 326/2013/1) deċiża fis-17 ta' Marzu 2021.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tal-bank attur u tiddikjara li l-kuntratt pubbliku tat-8 ta' April 2005, fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Grima bħala esegwibbli mill-ġdid u dan safejn jolqot il-bilanċ li baqa' ma' tħallasx mill-konvenuta Caroline Geraldyne Doran.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mill-konvenuta Caroline Geraldyne Doran.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**